



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2022/2104(DEC)**

13.2.2023

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2021  
(2022/2104(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Canfin

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-kontribut tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("EFSA") għas-sikurezza tal-katina tal-ikel u l-għalf tal-Unjoni, kif ukoll l-isforzi konsiderevoli tagħha biex tipprovdi konsulenza xjentifika komprensiva, indipendenti u aġġornata dwar kwistjonijiet marbuta mal-katina tal-ikel lill-manegers tar-riskju, tikkomunika b'mod ċar ir-riżultati tagħha – u l-informazzjoni li huma bbażati fuqha – lill-pubbliku u tikkoopera ma' partijiet ikkonċernati u šhab istituzzjonali bil-ġhan li tippromwovi l-koerenza u l-fiduċja fis-sistema tas-sikurezza tal-ikel;
2. Jinnota li l-baġit finali tal-EFSA għall-2021 kien ta' EUR 129,1 miljun, li jirrappreżenta żieda ta' 20 % meta mqabbel mal-2020; jinnota li l-isforzi għall-monitoraġġ tal-baġit matul l-2021 irriżultaw frata ta' implementazzjoni ta' 100 % għall-appoprjazzjonijiet ta' impenn u 89 % għall-appoprjazzjonijiet ta' pagament;
3. Jinnota li l-pjan ta' ħidma tal-EFSA għall-2021 ġie eżegwit skont l-Istrateġija 2020, li l-Bord ta' Ġestjoni ddeċieda li jestendi għal sena addizzjonali minħabba l-pandemija tas-SARS-CoV-2;
4. Ifakk li fis-27 ta' Marzu 2021, daħal fis-seħħi ir-Regolament dwar it-Trasprenza, li kien jeħtieġ investiment konsiderevoli għall-iżvilupp ta' proċessi ġoddha, ir-rieżami tal-istruttura tal-organizzazzjoni tal-EFSA, u l-ingranagħ tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tat-teknoloġija u tal-informazzjoni tagħha; jiġbed l-attenzjoni f'dan il-kuntest dwar l-importanza ta' trasparenza massima possibbli biex tissahħħa il-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-UE; jilqa' f'dan il-kuntest is-sostenibbiltà akbar fl-attivitajiet tal-EFSA permezz ta' akkwiżizzjoni usa' ta' riżorsi mill-Istati Membri u iktar komunikazzjoni kkordinata;
5. Jinnota li l-EFSA ngħatat 33 post ġdid tal-personal għall-implementazzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar it-Trasprenza, u dan iwassal il-kapaċitā totali tagħha għal 526 post statutorju tal-personal; jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2021, 516 post tax-xogħol mill-542 disponibbli kienu okkupati, (fosthom uffiċċiali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali ssekondati);
6. Jenfasizza li l-awtorizzazzjoni rapida ta' addittivi fl-ġħalf sostenibbli u alternattivi sostenibbli għall-pestiċċidi għandha rwol importanti biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-istrateġja "Mill-Ġhalqa sal-Platt"; jenfasizza f'dan ir-rigward li kapaċitā suffiċċenti f'termini ta' personal u l-għarfien espert rispettiv tagħhom hija essenzjali sabiex jiġi evitat dewmien fil-proċeduri ta' applikazzjoni u valutazzjoni għall-approvazzjoni ta' addittivi fl-ġħalf sostenibbli u alternattivi sostenibbli għall-pestiċċidi;
7. Jinnota ċerti limitazzjonijiet fl-applikazzjoni tar-regoli reċenti proposti mill-Kummissjoni Ewropea dwar it-telexogħol, li l-EFSA tapplika b'analoġija, b'mod partikolari fir-rigward tat-telexogħol parżjali barra mill-pajjiż tal-impjieg; jinsab imħasseb dwar il-fatt li r-regoli limitati attwali dwar it-telexogħol barra mill-pajjiż jista' jkollhom impatt fuq l-attraenza tal-EFSA meta tirrekluta kandidati mill-Istati Membri

differenti tal-UE li jixtiequ jissieħbu mal-EFSA; jappella għal aktar flessibbiltà fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, peress li dan jikkontribwixxi biex l-EFSA tkun aktar attraenti u jkun hemm bilanċ aħjar f'termini ta' nazzjonaliità tal-persunal tagħha.

8. Jenfasizza l-fatt li, fl-2020, l-Awtorită ffinalizzat 704 mistoqsija permezz ta' opinjonijiet xjentifiċi, rapporti tekniċi u pubblikazzjonijiet ta' sostenn, jiġifieri 81 inqas mis-785 li kienu ppjanati;
9. Jinnota li l-azzjonijiet korrettivi biex jiġu segwiti l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Audituri tal-2020 tlestell; ifakkars fil-ħtieġa li jittlestew l-azzjonijiet korrettivi biex jiġu segwiti l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Audituri tal-2017, b'mod partikolari biex tissaħħa l-indipendenza tal-uffiċjal tal-kontabbiltà billi dawn jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tad-Direttur tal-EFSA;
10. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Audituri ma għandha l-ebda osservazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll;
11. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Audituri ddikjarat li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorită għall-2021 huma affidabbi u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;
12. Ifakkars li fl-2021, il-Parlament adotta sitt oġġezzjonijiet għall-importazzjoni ta' għelejjel ġenetikament modifikati għall-ikel u l-għalf; jenfasizza li waħda mir-raġunijiet għal dawn l-oġġezzjonijiet huma l-lakuni fil-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Bord dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati tal-Awtorită; iħeġġeġ lill-Awtorită tindirizza u tagħlaq dawn il-lakuni b'urġenza;
13. Jistieden lill-EFSA tiżgura li l-maniġment u l-membri konsultattivi kollha, is-sostituti tagħhom u esperti oħra jkunu ppreżentaw id-dikjarazzjonijiet ta' interessa annwali; jistieden lill-EFSA tiżgura livell għoli ta' konformità mar-regoli dwar il-kunflitt ta' interessa u t-trasparenza fl-aktivitajiet kollha tagħha;
14. Jilqa' l-fatt li, minkejja l-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja, li ġabet magħha lockdowns u l-ħtieġa li naħdmu mill-bogħod fl-2021, il-maġġoranza l-kbira tal-outputs xjentifiċi ppjanati ġew prodotti bis-sħiħ jew kważi fkonformità sħiħa mal-pjan organizazziv oriġinali;
15. Jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqasijiet persistenti fil-qasam tal-benessri tal-annimali, b'mod partikolari, iżda mhux limitat għat-trasport ta' annimali ħajjin; jilqa', f'dan il-kuntest, il-bidu ta' ħidma fuq sensiela kbira ta' mandati għall-benessri tal-annimali li jikkonċernaw, b'mod partikolari, it-transport tal-annimali, li se jifforma l-bażi ta' leġiżlazzjoni ġidida li qed tiġi abbozzata f'dan il-qasam;
16. Jilqa' l-adozzjoni tal-Istrateġija l-ġidida tal-EFSA għall-2027, li tibni fuq l-analiżi ambjentali rigorūza mwettqa fl-2019 u fl-2020 u tistabbilixxi l-fokus strateġiku u l-ambizzjoni għas-snin li ġejjin fil-kuntest tal-mandat tal-EFSA u l-prioritajiet tal-UE li qed jevolvu, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt;
17. Jirrakkomanda, abbażi tal-fatti disponibbli, li tingħata l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv

tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2021.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.2.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mathilde Androuët, Traian Băsescu, Aurélia Beigneux, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Hélène Fritzon, Malte Gallée, Andreas Glück, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Christine Schneider, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyrali, Véronique Trillet-Lenoir, Achille Variati, Petar Vitanov, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wizek, Tiemo Wölken, Anna Zalewska
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eric Andrieu, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Billy Kelleher, Ska Keller, Sara Matthieu, Sirpa Pietikäinen, Manuela Ripa, Robert Roos, Massimiliano Salini, Christel Schaldemose, Sarah Wiener, Jadwiga Wiśniewska
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Karolin Braunsberger-Reinhold, Ilan De Basso, Jarosław Duda, Jens Geier, Helmut Geuking, Niclas Herbst, Beata Kempa, Karsten Lucke, Johan Nissinen, Alexandr Vondra, Jörgen Warborn

## **VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>67</b>	<b>+</b>
ECR	Beata Kempa, Joanna Kopcińska, Alexandr Vondra, Jadwiga Wiśniewska, Anna Zalewska
PPE	Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Karolin Braunsberger-Reinhold, Nathalie Colin-Oesterlé, Jarosław Duda, Agnès Evren, Helmut Geuking, Niclas Herbst, Ewa Kopacz, Peter Liese, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Sirpa Pietikäinen, Stanislav Polčák, Massimiliano Salini, Christine Schneider, Maria Spyraki, Jörgen Warborn
Renew	Pascal Canfin, Andreas Glück, Martin Hojsík, Jan Huitema, Billy Kelleher, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Véronique Trillet-Lenoir, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	João Albuquerque, Eric Andrieu, Delara Burkhardt, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Ilan De Basso, Cyrus Engerer, Hélène Fritzon, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Karsten Lucke, César Luena, Sándor Rónai, Christel Schaldemose, Achille Variati, Petar Vitanov, Tiemo Wölken
The Left	Petros Kokkalis, Silvia Modig
Verts/ALE	Michael Bloss, Bas Eickhout, Malte Gallée, Pär Holmgren, Ska Keller, Sara Matthieu, Tilly Metz, Jutta Paulus, Manuela Ripa, Sarah Wiener

<b>9</b>	<b>-</b>
ECR	Johan Nissinen, Robert Roos
ID	Mathilde Androuët, Aurélia Beigneux, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen
NI	Ivan Vilibor Sinčić
PPE	Pernille Weiss
The Left	Anja Hazekamp

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni